**WIRT IŻ-ŻEJTUN**

# STATUT

*(Approvat 13 ta' Diċembru 2010)*

**ARTIKLU 1: ISEM**

1.1 L-isem tal-għaqda għandu jkun "WIRT IŻ-ŻEJTUN".

**ARTIKLU 2: INDIRIZZ POSTALI**

2.1 L-indirizz postali tal-għaqda għandu jkun:

Kaxxa Postali Nru. XXX, Zejtun

**ARTIKLU 3: STAT LEGALI**

3.1 Wirt iż-Żejtun hija organizzazzjoni mhux governattiva (NGO) li ma tagħmilx profitt u regolata taħt l-Att Dwar l-Organizzazzjoniijiet Volontarji (Att XXII ta' l-2007).

**ARTIKLU 4: LOGO**

4.1 Il-Logo tal-għaqda huwa dan muri hawn taħt:

4.2 It-tifsira tal-Logo hu kif ġej:

a. Is-salib aħdar fuq sfond abjad hija l-emblema uffiċjali taż-Żejtun.
b. Il-burdura safra lewn id-deheb li ddawwar l-emblema uffiċjali tfisser ir-rikezzi li bihom huwa mżejjen iż-Żejtun.
c. Il-kuruna turi li ż-Żejtun huwa mgħolli b'ġieħ ta' belt "Citta Beland".
d. Il-kliem "**WIRT IŻ-ŻEJTUN**" huma miktuba b'linka ħoxna sewda. Miktuba iswed fuq l-abjad bħal kitba f'testment miktub minn missirijietna meta għaddew wirthom lilna biex inħarsuh.
e. L-istrixxa ħamra minn lewn id-demm li fuqha qiegħda tistrieħ il-kelma "**IŻ-ŻEJTUN**" hija simbolu tat-tbatija li għaddew minnha missirijietna biex ħallewlna dan il-wirt.

**ARTIKLU 5: LINGWA**

5.1 Il-lingwi uffiċjali tal-għaqda huma kemm il-Malti kif ukoll l-Ingliż.

**ARTIKLU 6: STQARRIJA TA' MISSJONI**

6.1 Flimkien inkattru l-interess u r-rispett lejn il-wirt naturali, kulturali, ambjentali, storiku, etnografiku u arkeoloġiku kemm tanġibbli kif ukoll intanġibbli li għaddewlna ż-Żwieten ta' qabilna biex inħarsuh, nivvalorizzawh, inkattruh u ngħadduh liż-Żwieten ta' warajna fl-aħjar stat possibbli, f'kull livell tas-soċjeta' u fl-isfond ta' żvilupp sostenibbli.

**ARTIKLU 7: VIŻJONI U GĦANIJIET**

7.1 Il-viżjoni tal-għaqda hija li fl-iqsar żmien possibbli ddaħħal kuxjenza akbar f'qalb iż-Żwieten dwar il-ħtieġa li napprezzaw, nirrispettaw u nieħdu ħsieb aktar il-wirt naturali, kulturali, ambjentali, storiku, etnografiku u arkeoloġiku taż-Żejtun u niesu.

7.2 Sa biex tintlaħaq din il-viżjoni l-għaqda:

a. tkun strumentali biex tħares u tkattar il-wirt tanġibbli u intanġibbli li jifforma l-istorja u l-kultura taż-Żejtun u niesu;

b. taħdem biex tipproteġi, tikkonserva, tirrestawra, tmexxi u tippromovi bl-aktar mod wiesgħa l-wirt storiku, kulturali u naturali taż-Żejtun;

c. tippromovi Wirt iż-Żejtun li mhux biss huwa l-qofol tal-identita' Żejtunija iżda wkoll element li jsawwar l-Identita' Nazzjonali f'kuntest Universali;

d. tqanqal interess fost it-tfal u ż-żgħażagħ f'Wirt iż-Żejtun;

e. tkun ta' għajnuna għal studenti f'oqsma li jistgħu ikunu relatati ma' l-istorja, il-ħarsien u l-immaniġġar ta' Wirt iż-Żejtun;

f. tieħu sehem f'attivitajiet u proġetti lokali, nazzjonali, Ewropej u internazzjonali relatati mal-immaniġar tal-wirt kulturali bi skop li tesperjenza prattiċi professjonali f'dan il-qasam u fl-istess waqt ixxerred u tesponi Wirt iż-Żejtun ma' organizzazzjonijiet oħrajn kemm lokali kif ukoll barranin;

g. tkun strumentali biex ittejjeb u ssaħħaħ id-dehra u l-isem taż-Żejtun permezz tal-awtentiċita' ta' Wirt iż-Żejtun u b'permezz t'hekk timmira biex tattira aktar Maltin li jżuru dan il-wirt;
h. taħdem biex tattira turiżmu ta' kwalita' lejn pajjiżna billi toffri prodott awtentiku;
i. tipprovdi għajnuna u pariri professjonali lil għaqdiet oħra fiż-Żejtun fl-oqsma tal-protezzjoni, l-immaniġġar, il-konservazzjoni u r-restawr tal-wirt kulturali u naturali;
j. tiġbor fondi u tapplika għall-fondi minn għejjun nazzjonali u internazzjonali u tgħin fi ġbir ta' fondi bil-għan li jintużaw fil-ħarsien ta' wirt iż-Żejtun; u
k. tiġbor fi ħdanha membri u sostenituri, [mhux biss Żwieten], li jemmnu fil-prinċipji tal-għaqda.

**ARTIKLU 8: IL-KUMITAT TA' TMEXXIJA TAL-GĦAQDA**

8.1 Il-għaqda għandha titmexxa minn Kumitat ta' Tmexxija magħmul kif ġej:

a. President
b. Segretarju Ġenerali
c. Teżorier
d. Uffiċjal għar-Relazzjonjiet Pubbliċi
e. Tliet membri eletti minn fost il-membri tal-għaqda li wieħed minnhom għandu jintagħżel bħala Assistent Segretarju fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat ta' Tmexxija.

8.2 Il-President, is-Segretarju Ġenerali, it-Teżorier u l-Uffiċjal għar-Relazzjonjiet Pubbliċi u t-tliet membri tal-Kumitat ta' Tmexxija jintgħażlu minn fost il-membri tal-għaqda li jkunu regolari fil-ħlas tas-sħubija, permezz ta' elezzjoni li ssir waqt il-Laqgħa Ġenerali Annwali u wara li kull wieħed ikun ġie nominat u sekondat minn membri tal-għaqda għall-kontestazzjoni fil-pożizzjonijiet differenti b'permezz tal-Formola A mehmuza fl-Appendiċi ma' dan l-istatut. Din l-applikazzjoni trid tiġi indirizzata lis-Segretarju Ġenerali ta' l-għaqda u tasal għandu mhux aktar tard minn ħamest ijiem qabel il-LĠA.

8.3 Il-Kumitat ta’ Tmexxija jinħatar għal terminu ta’ sentejn (2).

8.4 Il-Kumitat ta’ Tmexxija irid jiltaqa’ mhux anqas minn sitt (6) darbiet f’sena, tal-anqas darba kull xahrejn.

8.5 Kull laqgħa trid tiġi msejħa mis-Segretarju Ġenerali wara li jkun ikkonsulta mal-President, jew wara talba bil-miktub minn mhux anqas minn erba’ (4) membri tal-Kumitat ta’ Tmexxija.

8.6 L-aġenda tal-laqgħa għandha titfassal mis-Segretarju Ġenerali b’konsultazzjoni mal-President. Kull membru tal-Kumitat ta’ Tmexxija ikollu d-dritt jitlob lis-Segretarju Ġenerali idaħħal fl-agenda punti għad-diskussjoni ta’ l-anqas tnax il-jum qabel il-laqgħa.

8.7 Tmint ijiem qabel il-laqgħa s-Segretarju Ġenerali għandu jibgħat avviż bil-posta jew bl-email lill-membri kollha tal-Kumitat ta’ Tmexxija biex jinfurmahom dwar id-data, il-ħin u l-post fejn tkun se ssir il-laqgħa tal-Kumitat ta’ Tmexxija, flimkien mal-aġenda ta’ l-istess laqgħa.

8.8 Il-kworum tal-laqgħat tal-Kumitat ta’ Tmexxija huwa ta’ ħamsa (5) mill-membri eletti għall-Kumitat, li wieħed minnhom irid ikun il-President jew is-Segretarju Ġenerali. Jekk ma jkunx hemm kworum sa nofs siegħa mill-ħin avżat biex tibda l-laqgħa, il-laqgħa ma tkunx tista’ issir u l-aġenda tiġi aġġornata għal data oħra.

8.9 Jekk il-President ma jkunx jista’ jattendi l-laqgħa, għandu jinħatar *chairperson* speċifikament għal dik il-laqgħa mill-membri tal-Kumitat ta’ Tmexxija preżenti għal dik il-laqgħa.

8.10 Il-Kumitat ta’ Tmexxija jista’ jistieden għal laqgħat esperti, konsulenti jew persuni oħra fuq materja speċifika li tkun se tiġi diskussa waqt dik il-laqgħa. Dawn il-mistednin ikollhom il-funzjoni li jagħmlu osservazzjonijiet u jagħtu opinjonijiet, però ma jkollhomx id-dritt tal-vot.

8.11 Kull deċiżjoni dwar il-għaqda għandha tittieħed mill-Kumitat ta' Tmexxija, u l-ebda membru, l-anqas il-President, ma jista' jieħu xi deċiżjoni waħdu.

8.12 Id-deċiżjonijiet tal-Kumitat ta' Tmexxija jittieħdu b'maġġoranza sempliċi tal-membri preżenti għal-laqgħa f'vot sigriet jew miftuh. Kull membru jista' jitlob vot sigriet. F'każ ta' parita' ta' voti, il-president jew il-persuna li tkun qed tmexxi il-laqgħa għandu juża l-*casting vote*.

8.13 F'każijiet fejn waqt il-laqgħa tal-Kumitat ta' Tmexxija jkun qed jiġi diskuss xi suġġett fejn xi membru tal-istess Kumitat għandu, jew potenzjalment jista' jkollu, konflitt ta' nteress, dan għandu jinforma mill-ewwel lill-President, joħroġ mil-laqgħa u ma jkollux dritt jivvota fuq dak is-suġġett.

8.14 Kull membru mill-Kumitat ta' Tmexxija jista' jirreżenja mill-Kumitat wara li jkun informa b'dan bil-miktub lis-Segretarju Ġenerali u din it-talba tinqara waqt il-laqgħa li jkun imiss tal-Kumitat. Jekk is-Segretarju Ġenerali jixtieq jirreżenja irid jinforma b'dan bil-miktub lill-President.

8.15 Membri tal-Kumitat ta' Tmexxija li ma jkunux jistgħu jattendu għal-laqgħa tal-Kumitat għandhom jinformaw minn qabel lis-Segretarju Ġenerali sabiex jiġu skużati mill-istess laqgħa.

8.16 Kull membru tal-Kumitat ta' Tmexxija li jonqos li jattendi għal aktar minn tlett (3) laqgħat konsekuttivi mingħajr ma' jkun avża lis-Segretarju Ġenerali sabiex jiġi skużat mill-laqgħa, qabel l-istess laqgħa, għandu jiġi mitlub jispjega l-assenza tiegħu u, jekk ma jagħtix spjegazzjoni sodisfaċenti għall-Kumitat ta' Tmexxija, għandu jiġi meqjus li tilef postu fuq il-Kumitat tat-Tmexxija u jiġi sostitwit.

8.17 F'każ ta' vakanza jew reżenja minn xi membru jew pożizzjoni tal-Kumitat, dik il-vakanza għandha timtela' minn dik il-persuna li ġabet l-aktar ammont ta' voti wara l-membri eletti waqt il-Laqgħa Ġenerali

Annwali. F'każ ta' parita', għandha ssir elezzjoni sigrieta fost il-membri tal-Kumitat ta' Tmexxija sabiex tintagħżel persuna waħda. F'każ fejn ma jkunx hemm aktar kontestazzjonijiet, il-Kumitat ta' Tmexxija għandu jaħtar membru minn fost il-membri tal-għaqda li jkunu regolari fil-ħlas ta' sħubija.

8.18 L-ebda membru tal-Kumitat ta' Tmexxija ma jista' jokkupa l-istess kariga għal aktar minn tlett (3) termini konsekuttivi, sakemm il-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-għaqda ma tiddeċidix mod ieħor b'maġġoranza sempliċi.

**ARTIKLU 9: L-UFFIĊJALI TAL-KUMITAT TA' TMEXXIJA**

9.1 Il-*President* tal-għaqda huwa responsabbli:

a. għat-tmexxija tal-għaqda;
b. li jmexxi u jidderiġi l-laqgħat tal-Kumitat ta' Tmexxija;
c. li b'kollaborazzjoni mas-Segretarju Ġenerali jippjana l-aġenda tal-laqgħat tal-Kumitat ta' Tmexxija;
d. li flimkien mas-Segretarju Ġenerali jiffirma l-minuti tal-laqgħat tal-Kumitat ta' Tmexxija;
e. li jassigura li l-istatut qiegħed jiġi mħares mill-membri tal-għaqda; u
f. li flimkien mas-Segretarju Ġenerali jkollu r-rappreżentanza legali u ġuridika kemm tal-Kumitat ta' Tmexxija kif ukoll tal-għaqda.

9.2 Is-*Segretarju Ġenerali* tal-għaqda huwa responsabbli:

a. għall-amministrazzjoni kollha tal-għaqda;
b. li jippreżenta r-rapport ta' ħidma tal-għaqda fil-LĠA;
c. li jiġbor, iżomm u jiffirma l-minuti tal-laqgħat tal-Kumitat ta' Tmexxija kif ukoll tal-LĠA u LĠS;
d. li jżomm il-korrispondenza u d-dokumenti kollha tal-għaqda;
e. li jżomm u jaġġorna r-reġistru ta' sħubija tal-membri tal-għaqda; u
f. li flimkien mal-President ikollu r-rappreżentanza legali u ġuridika kemm tal-Kumitat ta' Tmexxija kif ukoll tal-għaqda.

9.3 It-*Teżorier* tal-għaqda huwa responsabbli:

a. li jżomm u jaġġorna il-kotba finanzjarji tal-għaqda;
b. li jiġbor il-ħlas ta' sħubija tal-membri tal-għaqda u jirrapporta dwar dan lis-Segretarju Ġenerali;
c. li jippreżenta r-rapporti finanzjarji tal-għaqda lill-Kumitat ta' Tmexxija f'kull laqgħa tal-istess Kumitat;
d. li jżomm mhux aktar minn €200 f'*petty cash* sabiex ikunu jistgħu jsiru ħlasijiet ta' kontijiet żgħar;
e. li flimkien mal-President jew is-Segretarju Ġenerali għandu l-awtorità li jiġbed l-flus;
f. li jipprepara u jippreżenta r-rapport finanzjarju għall-approvazzjoni tal-LĠA;
g. li jgħin lil awdituri maħtura mill-LĠA fil-verifika tal-kotba finanzjarji tal-għaqda;
h. li jinforma u jaġġorna lill-Kumitat ta' Tmexxija dwar donazzjonijiet mgħoddija lill-għaqda; u
i. li jawtorizza persuni biex jgħinu fi ġbir ta' fondi f'isem il-għaqda. Kull ġbir ta' fondi għandhom jiġu depożitati għand it-Teżorier tal-għaqda eżatt wara kull attivita' ta' ġbir ta' fondi.

9.4 L-*Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi* huwa responsabbli:

a. mill-komunikazzjoni u promozzjoni ta' l-għaqda

**ARTIKLU 10: SOTTO KUMITATI TAL-GĦAQDA**

10.1 Il-Kumitat ta' Tmexxija jista' jaħtar sotto-kumitati kif jista' jidhirlu meħtieġ, minn żmien għal żmien, sabiex il-għaqda tilħaq aħjar il-viżjoni u l-għanijiet tagħha. Mhux anqas minn membru wieħed ta' kull sotto-kumitat irid ikun membru fil-Kumitat ta' Tmexxija.

10.2 Il-funzjonijiet, termini ta' referenza, setgħat, terminu ta' żmien u kompożizzjoni ta' kull sotto-kumitat jiġu stabbiliti mill-Kumitat ta' Tmexxija.

10.3 Kull sotto-kumitat irid jaħtar segretarju li jżomm il-minuti ta' kull laqgħa li ssir u meta dawn il-minuti jiġu approvati wara kull laqgħa għandha tintbagħat kopja tagħhom lis-Segretarju Ġenerali tal-għaqda.

10.4 Ebda sotto-kumitat ma jista' qatt jingħata d-dritt li:

i) Jorbot lill-għaqda;
ii) Jaġixxi f'isem l-għaqda
iii) Jagħmel spejjeż f'isem l-għaqda
iv) Jiġbor fondi f'isem l-għaqda

10.5 Il-Kumitat ta' Tmexxija jista' jaħtar b'għan speċifiku u għal żmien definit bħala membri fis-sotto-kumitati persuni li m'humiex membri tal-għaqda.

10.6 Kull membru tal-Kumitat ta' Tmexxija għandu dritt jattendi laqgħat tas-sotto kumitati.

**ARTIKLU 11: FINANZI**

11.1 Kull dħull finanzjarju mill-għaqda għandu jintuża biex isostni l-viżjoni u l-għanijiet tal-għaqda hekk kif spjegati f'Artiklu 7 u bl-ebda mod m'għandhom jintużaw għal gwadan personali ta' xi membru tal-għaqda.

11.2 Kull flus miġbura mill-għaqda jridu jiġu depożitati f'kont jew kontijiet bankarju/i f'isem il-għaqda, f'wieħed jew aktar mill-banek lokali hekk kif jiġi deċiż mill-Kumitat ta' Tmexxija.

11.3 Kull ċekk jew struzzjonijiet bankarji dwar ġbid ta' flus iridu jkunu iffirmati mit-Teżorier flimkien ma' jew il-President jew is-Segretarju Ġenerali.

11.4 It-Teżorier tal-għaqda jrid iżomm b'mod aġġornat il-kontijiet u l-kotba finanzjarji tal-għaqda u jrid jagħti rendikont lill-Kumitat ta' Tmexxija f'kull laqgħa tal-istess Kumitat.

11.5 Kull spiża li taqbeż il-€200 trid tiġi approvata mill-Kumitat ta' Tmexxija.

**ARTIKLU 12: SĦUBIJA**

12.1 Is-sħubija bħala membri fil-għaqda hija miftuħa għal persuni, li għandhom 18-il sena u aktar, u li jaqsmu l-għanijiet u l-objettivi tal-għaqda. L-għaqda tħeġġeġ ukoll persuni taħt it-tmintax – (18) il sena biex jissieħbu bħala membri. Għalkemm dawn jistgħu jattendu għal u jieħdu parti fil-LĠA u LĠS, ma jkollhomx dritt jivvotaw fl-istess laqgħat.

12.2 Is-sħubija bħala membri u membri onorarji fil-għaqda għandha tkun irregolata mill-Kumitat ta' Tmexxija u l-istess membri għandhom iħarsu l-istatut u l-politika u linji gwida li l-għaqda tista' toħroġ minn żmien għal żmien.

12.3 Kull persuna li tixtieq tissieħeb bħala membru tal-għaqda trid tagħmel dan billi tapplika fuq Formola B annessa fl-Appendiċi ma' dan l-istatut. Kull persuna tista' titlob illi ssir membru taħt it-tmintax-(18) il sena; membru ordinarju (minn 18-il sena 'l fuq); membru għall-bqija ta' ħajtu (*Life Membership*). Fil-jum li tissieħeb tħallas l-ammont ta' flus bħala miżata ta' sħubija, li tiġi stabbilita skond Artiklu 13.1.

12.4 Kull applikazzjoni ta' sħubija tiġi aċċettata biss jekk tkun akkumpanjata bil-ħlas tal-miżata ta' sħubija għas-sena li ssir fiha.

12.5 Il-Kumitat ta' Tmexxija għandu d-dritt li jaċċetta jew jirrifjuta kull applikazzjoni ta' sħubija.

12.6 Persuna titqies bħala membru tal-għaqda jekk isimha jidher fir-reġistru ta' sħubija u jekk tkun ħallset regolarment il-miżata annwali.

12.7 Kull membru tal-għaqda li għalaq it-tmintax-(18) il sena għandu dritt ta' vot wieħed fil-laqgħat ġenerali tal-għaqda.

12.8 Kull membru huwa eliġibli li jsir membru onorarju, jew membru tal-Kumitat ta' Tmexxija, u/jew membru f'wieħed jew aktar mis-sotto kumitati mwaqqfa mill-Kumitat ta' Tmexxija.

12.9 Membru onorarju ma jistax jikkontesta għal postijiet fil-Kumitat ta' Tmexxija.

12.10 Kull membru ġdid tingħatalu kopja tal-istatut tal-għaqda.

**ARTIKLU 13: MIŻATA TA' SĦUBIJA**

13.1 Għandu jkun hemm miżata ta' sħubija hekk kif deċiża u aġġornata minn żmien għal żmien minn Laqgħa Ġenerali Straordinarja.

13.2 B'eċċezzjoni għal dawk li huma membri tul ħajjithom u membri onorarji, il-miżata ta' sħubija trid tiġġedded kull sena u titħallas matul ix-xahar ta' Jannar ta' kull sena.

13.3 Sakemm mhux deċiż mod ieħor mill-Kumitat ta' Tmexxija, kull membru li jonqos li jħallas il-miżata sat-30 ta' Ġunju ta' dik is-sena għandu jitqies li s-sħubija tiegħu ġiet mitmuma, dan wara li l-għaqda tkun ikkunsidrat iċ-ċirkostanzi u s-sitwazzjoni ta' dik il-persuna.

**ARTIKLU 14: TERMINAZZJONI JEW SOSPENSJONI TA' SĦUBIJA**

14.1 Il-Kumitat ta' Tmexxija jkollu d-dritt jieħu passi dixxiplinarji, li jistgħu jwasslu għat-temma jew sospensjoni tas-sħubija fil-għaqda, kontra kull membru li fil-fehma tal-Kumitat ikun, bl-imġieba tiegħu, qed joħloq preġudizzju jew jagħmel ħsara lill-interessi tal-għaqda.

14.2 Għal dan il-għan, il-Kumitat ta' Tmexxija jista' jwaqqaf kumitat 'ad hoc', imsejjaħ 'Kumitat ta' Dixxiplina' li għandu jkun magħmul minn mhux inqas minn tliet membri indipendenti maħtura mill-Kumitat ta' Tmexxija. Il-Kumitat għandu jeżamina l-ilment tal-Kumitat, jisma' lill-membru u jagħmel lill-Kumitat ta' Tmexxija r-rakkomandazzjonijiet kollha li jidhirlu xierqa fir-rigward tal-passi dixxiplinarji kontemplati kontra l-membru konċernat.

14.3 Il-membru konċernat għandu jkun avżat fi żmien raġonevoli dwar il-laqgħa tal-Kumitat *ad hoc* li jkun se jikkonsidra t-temma jew sospensjoni ta' sħubija u għandu jkollu d-dritt li jinstema' mill-kumitat ad hoc jew jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub.

14.4 Il-membru jkollu dritt li jkun informat bil-miktub u fid-dettal dwar l-ilment tal-Kumitat ta' Tmexxija kontra tiegħu, għandu jiġi mitlub li fi żmien ħmistax-il jum iwieġeb bil-miktub u fid-dettal l-istess ilment u għandu jidher quddiem il-Kumitat ta' Dixxiplina f'laqgħa li għandu jiġi avżat biha bil-miktub sebat ijiem qabel issir. F'din il-laqgħa l-Kumitat jisma' l-aħħar sottomissjonijiet tal-Kumitat ta' Tmexxija u tal-membru konċernat, wara jgħaddi biex jagħmel bil-miktub dawk il-konsiderazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet li jidhirlu xierqa lill-Kumitat ta' Tmexxija.

14.5 Id-deċiżjoni tal-Kumitat ta' Tmexxija li jtemm jew jissospendi s-sħubija ta' xi membru tkun waħda finali.

**ARTIKLU 15: LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI (LĠA)**

15.1 Il-LĠA hija l-ogħla organu tal-għaqda u hija magħmula minn kull membru imsieħeb fil-għaqda.

15.2 Il-LĠA trid issir kull sena. Il-LĠA trid issir mhux aktar tard minn ħmistax-(15) il xahar wara l-LĠA ta' qabilha.

15.3 Is-Segretarju Ġenerali tal-għaqda irid javża bil-miktub lil kull membru li jkun regolari fil-ħlas ta' sħubija tal-għaqda bid-data u l-aġenda tal-LĠA mill-anqas ġimagħtejn qabel id-data tal-laqgħa. Is-Segretarju Ġenerali fil-LĠA jrid jippreżenta rapport ta' ħidma li saret mill-għaqda matul is-sena.

15.4 Kull deċiżjoni fil-LĠA tittieħed b'vot, jew b'turija tal-idejn jew sigriet, jekk dan tal-aħħar jintalab minn xi membru tal-għaqda. L-elezzjoni tal-membri tal-Kumitat ta' Tmexxija issir b vot sigriet

15.5 Kull deċiżjoni meħuda fil-LĠA torbot lill-Kumitat ta’ Tmexxija u l-LĠA għandha is-setgħa treġġa’ lura kull deċiżjoni meħuda mill-Kumitat ta’ Tmexxija jew xi sotto-kumitat tal-għaqda.

15.6 Il-LĠA għandha taħtar awditur jew awdituri minn fost il-membri tal-għaqda jew barra mill-għaqda sabiex jawdittjaw il-kotba finanzjarji tal-għaqda. It-Teżorier għandu jagħmel rapport finanzjarju tal-għaqda għas-sena finanzjarja tal-għaqda, li tibda kull 1 ta’ Jannar u tispiċċa fil-31 ta’ Diċembru ta’ kull sena, u jippreżenta l-istess rapport fil-LĠA. Ir-rapport finanzjarju jrid jiġi eżaminat mill-awdituri. Għaldaqstant it-Teżorier għandu jagħti aċċess lill-awdituri għall-kotba finanzjarji u għar-rapport tiegħu. Waqt il-LĠA, l-awdituri għandhom jippreżentaw ir-rapport tagħhom bil-kummenti li jidhrilhom xierqa dwar il-qagħda finanzjarja tal-għaqda, għas-sena li tkun għaddiet.

15.7 Il-kworum tal-LĠA għandu jkun nofs in-numru ta’ membri imħallsa tal-għaqda li jkollhom dritt għall-vot. Jekk sa nofs siegħa wara l-ħin avżat biex tibda l-laqgħa ma jintlaħaqx kworum, il-LĠA ssir xorta waħda bil-membri preżenti li jkollhom dritt tal-vot u kull deċiżjoni li tittieħed b’maġġoranza tal-membri preżenti tkun valida.

15.8 F’dawk il-LĠA li fihom tkun ser issir l-elezzjoni għall-Kumitat ta’ Tmexxija għandha tinħatar Kummissjoni Elettorali minn fost il-membri preżenti sabiex jieħdu ħsieb il-votazzjoni u joħorġu r-riżultat tal-istess votazzjoni għall-membri kollha tal-Kumitat ta’ Tmexxija. F’dan l-istadju l-Kumitat ta’ Tmexxija li nħatar matul il-LĠA ta’ sentejn qabel għandu jirreżenja u Kumitat ta’ Tmexxija ġdid jinħatar b’permezz ta’ din il-votazzjoni.

15.9 Laqgħa Ġenerali Straordinarja (LĠS) tista’ issir jekk tintalab mill-Kumitat ta’ Tmexxija, jew minn żewġ terzi tal-membri tal-Kumitat ta’ Tmexxija jew permezz ta’ petizzjoni minn mhux anqas minn nofs il-membri imħallsa tal-għaqda. Din il-petizzjoni trid tkun iffirmata mill-

membri kollha li qed jitolbu l-istess laqgħa u għandha tintbagħat lis-Segretarju Ġenerali li min-naħa tiegħu jrid isejjaħ LĠS fi żmien xahar minn meta jirċievi din it-talba.

15.10 Il-LĠA u il-LĠS iridu jittmexxew mill-President tal-għaqda li jkollu kemm vot ordinarju kif ukoll *casting vote*.

15.11 L-interpretazzjoni tal-artikli kollha ta’ dan l-istatut tkun f’idejn il- Kumitat ta’ Tmexxija.

15.12 Jekk jinqalgħu sitwazzjonijiet li ma jkunx hemm provediment għalihom f’dan l-istatut, allura għandha tittieħed deċiżjoni mill-Kumitat ta’ Tmexxija u immedjatament wara għandha tissejjaħ Laqgħa Ġenerali Straordinarja, skond kif provdut fl-Artikolu 18 ta’ dan l-Istatut, sabiex id-deċiżjoni tal-Kumitat ta’ Tmexxija tiġi approvata u jsiru l-emendi li jirriżultaw neċessarji fl-Istatut.

**ARTIKLU 16: PROTEZZJONI TA’ DATA**

16.1 Il-għaqda għandha tkun konformi mal-liġi għall-protezzjoni ta’ data hekk kif murija fuq is-sit elettroniku dataprotection.gov.mt

**ARTIKLU 17: XOLJIMENT TAL-GĦAQDA**

17.1 Hija biss il-LĠS li għandha s-saħħa li xxolji l-għaqda. Dan sakemm żewġ terzi jew aktar mill-membri jivvutaw favur dan ix-xoljiment.

17.2 F’każ ta’ xoljiment il-LĠS għandha taħtar likwidatur li għandu jkun *qualified accountant* jew avukat (li jista’ ma’ jkunx membru tal-għaqda) sabiex jieħu ħsieb il-likwidazzjoni tal-għaqda.

17.3 Kull ammont ta’ flus jew beni oħra li jifdal wara li jitħallsu d-djun tal-għaqda għandhom jingħataw b’donazzjoni lill-Parroċċa taż-Żejtun sa biex prefiribilment jintefqu fuq restawr ta’ bini jew restawr ta’ xogħlijiet tal-arti fl-istess knisja jew f’waħda mill-knejjes tal-istess parroċċa.

**ARTIKLU 18: EMENDI TAL-ISTATUT**

18.1 Il-provedimenti ta' dan l-istatut jorbtu lill-membri u t-tmexxija tal-għaqda u jistgħu jinbidlu biss b'vot ta' żewġ terzi tal-membri preżenti waqt il-LĠS, li jkollhom dritt jivvotaw.

18.2 Kull talba għal emendi fl-istatut irid ikollha proponent u sekondant u għandha tintbagħat lis-Segretarju Ġenerali sa ġimagħtejn qabel il-LĠS.

18.3 Is-Segretarju Ġenerali jrid jibgħat kopja ta' l-emendi proposti għall-istatut lill-membri tal-għaqda mhux aktar tard minn sebat (7) ijiem qabel tiltaqa' l-LĠS.

# APPENDIĊI

**FORMULA A**

**Applikazzjoni għall-kontestazzjoni ta’ ħatra fil-Kumitat ta’ Tmexxija**

*(Para. 8.2)*

Lis-Segretarju
Wirt iż-Żejtun
Kaxxa Postali Nru.
Żejtun

Jien ______________________, bin-numru tal-Karta ta’ l-Identita’ ________, membru f’Wirt iż-Żejtun qiegħed/qiegħda napplika biex nikkontesta għall-ħatra fil-Kumitat ta’ Tmexxija fil-pożizzjoni ta’:

| | |
|---|---|
| President | ☐ |
| Segretarju Ġenerali | ☐ |
| Teżorier | ☐ |
| Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi | ☐ |
| Membru | ☐ |

______________ ______________

Firma tal-Applikant Data

Jien______________________, membru f’Wirt iż-Żejtun qiegħed/qiegħda niproponi lil __________________, għall-kontestazzjoni ta’ ħatra fil-Kumitat ta’ Tmexxija.

______________ ______________

Firma tal-Proponent Nru. ta’ ID

Jien______________________, membru f’Wirt iż-Żejtun qiegħed/qiegħda nissekonda lil __________________, għall-kontestazzjoni ta’ ħatra fil-Kumitat ta’ Tmexxija.

______________ ______________

Firma tas-Sekondant Nru. ta’ ID

**FORMOLA B**

**Applikazzjoni għal Sħubija**

*(Para. 12.3)*

| |
|---|
| *(Għal użu uffiċċjali biss)* |
| NUMRU TA' REFERENZA |
| ____________/20____ |

Lis-Segretarju Ġenerali

Wirt iż-Żejtun,

Kaxxa Postali

Zejtun

Jien __________________ li għandi n-numru tal-Karta ta' l-Idenitita' ___________ u li noqgħod ____________________________________________________________________,

nixtieq nissieħeb f'Wirt iż-Żejtun bħala membru (*immarka kaxxa waħda*)

**Taħt it-tmintax-(18) il sena*** ☐

**Ordinarju (18-il sena u aktar)** ☐

**Tul ħajti (life member)** ☐

**Koppja**** ☐

**Koppja tul ħajjitna**** ☐

***F'każ li qed tagħżel "Koppja" niżżel id-dettalji fil-kaxxa t'hawn taħt billi tikteb l-ismijiet tal-koppja flimkien man-Numru tal-Identita' ta' kull persuna u jiffirma l-applikazzjoni wieħed mill-koppja*

| Isem | Numru ID | Isem | Numru ID |
|---|---|---|---|
| | | | |
| | | | |

_____________ _____________ ____________

Firma

*Firma tal-kustodju
*f'każ ta' applikazzjoni taħt 18 il-sena*

Data

**Informazzjoni u dettalji oħra**

Numru tat-telefon: ________________________________

Numru tal-mobajl: ________________________________

Indirizz elettroniku: ________________________________

Fit-termini tal-Liġi dwar il-Ħarsien tad-Data (Kap 440 tal-Liġijiet ta' Malta), l-informazzjoni miġbura hawn fuq hija biss għall-użu amministrattiv ta' Wirt iż-Żejtun.

- - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - -

Jiena irċevejt is-somma ta' €_______, mingħand ________________________________,

bħala ħlas ta' sħubija f'Wirt iż-Żejtun.

______________________ ______________________

Teżorier

Data